**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 91/97Gozo

Alessio u Josephine Konjugi Mizzi

vs

Ufficjal inkarigat mill-Ufficcju Elettorali u ghal kull interess li jista' jkollu s-Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim Ministru u l-Istess Prim Ministru

Illum 24 ta' Jannar, 2001.

It-Tribunal,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fis-17 ta' April 1989 huma sofrew ingustizzja lampanti billi ir-rikorrenti, Alessio Mizzi gie moghti transfer mill-Ufficcju Elettorali

f'Ghawdex fejn kien ilu snin jahdem ghal mad-Dipartiment tal-Posta.

Illi fl-Ufficcju Elettorali huwa kien l-uniku skrivan u kien ilu jahdem hemm mis-sena 1986.

Illi l-fatt li kien jahdem mal-Ufficcju Elettorali kien jaghtih qliegh extra ghax kien ikun sikwit imghajjat biex jattendi ghall-elezzjonijiet li kienu jsiru taht it-tregija tal-Ufficcju Elettorali minn zmien ghall-iehor.

Illi jattribwixxi dan it-transfer tieghu bil fatt illi huwa kien ta' kulur politiku differenti minn tal-partit fil-Gvern dak iz-zmien.

Illi fil-fatt postu gie mimli minn zewg skrivani maghrufin ghal kulur politiku taghhom mill-partit fil-Gvern.

Illi minhabba dan it-transfer huwa sofra **hardship** finanzjarju ghax gie mcahhad mill-qliegh li kien jaghmel minn xoghol f'dawk l-elezzjonijiet li jsiru taht l-Ufficcju Elettorali u wkoll mill-overtime li kien isiru minhabba t-tigdid tal-identity cards.

Illi barra minn dan, dan it-transfer hadem hazin fuq sahhtu kemm fizikament u kemm mentalment u jqisu bhala transfer vendikattiv u animat politikament.

Ghaldaqstant ir-rikorrent fil-waqt li rriservaw li jgibu l-provi kollha ammissibbli skond il-ligi fit-trattazzjoni ta' dan ir-rikors

talbu lil dan it-Tribunal joghgbu jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment taghhom skond l-Att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji billi jilqa' t-talba taghhom u konsegwentament jinghataw rimedju skond il-ligi kif l-istess Tribunal jidhirlu opportun, xieraq u gust u ghal dan l-iskop ir-rikorrenti Alessio Mizzi jitlob li jigi rikompensat ghal dak ix-xoghol ta' overtime li sar kemm fit-tigdid tal-identity cards u wkoll ghall-attendenzi f'dawk l-elezzjonijiet kemm generali u kemm dawk li kienu jsriu ghal Direttur Haddiem fil-Korporazzjonijiet parastatali bhala f'Enemalta, Telemalta etc… jew alternattivament jekk l-istess rimedju mhuwiex possibbli u/jew li jithallas kumpens f'ammont ta' kif jiddeciedi dan it-Tribunal u dana taht dawk il-provvedimenti u mizuri li joghgbu l-istess Tribunal jipprefiggi.  Bl-ispejjez kontra l-intimati nomine.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

Ra r-risposta ta' l-Ufficcju Elettorali li eccepixxa:

Illi in linea preliminari, l-Ufficju Elettorali qatt ma talab sabiex ir-rikorrent jinghata transfer mill-Ufficju Elettorali f'Ghawdex ghal mad-Dipartiment tal-Posta.  It-transfers ta' dawk impjegati fis-Servizz mal-Gvern johorgu mill-Ufficju tal-Prim Ministru u ghalhekk l-Ufficju Elettorali ma kien involut b'ebda mod fit-transfer tar-rikorrent.

Illi bla pregudizzju ghas-suespost kull impjegat mas-Servizz Pubbliku ta' Malta huwa marbut bir-Regolamenti dwar is-Servizz Pubbliku. Zewg kundizzjonijiet li ghandhom importanza f'dan il-kaz jghid u li kull impjegat jista' jkun trasferit skond il-htigijiet tas-Servizz u li fil-kaz li impjegat ikun ittrasferit b'tibdil fid-dmirijiet tieghu huwa ma jkollu ebda jedd ghal hlas iehor. Ghalhekk l-ilment tar-rikorrent li huwa sofra danni finanzjarji minhabba t-transfer hija nfondata.

Illi l-Ufficju Elettorali mhux hati ta' xi diskriminazzjoni jew vendetta politika kontra r-rikorrent ghaliex it-transfer ma kienitx mitluba mill-Ufficju Elettorali.

Illi ma ddahhal ebda impjegat iehor specifikament sabiex jaghmel ix-xoghol tar-rikorrent. Is-sejha ghall-applikazjonijiet sabiex jidhlu nies jahdmu ma l-Ufficcju Elettorali ta' Ghawdex kienet saret wara li telaq ir-rikorrent u ghaliex l-Ufficju Elettorali ta' Ghawdex, fi zmien wara li r-rikorrent ma baqax hemm, kien zdiedlu x-xoghol peress illi inghata izjed funzjonijiet u dmirijiet.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra r-risposta tal-Prim Ministru u tas-Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru li eccepew:

1. Illi minn dokumenti li jezistu fil-**Management & Personnel Office** jirrizulta illi fis-17 ta' April 1989 ir-rikorrent gie trasferit

mill-Ufficcju Elettorali f'Ghawdex, fejn kien ilu mill-11 ta' Novembru 1986 ghal mad-Dipartiment tal-Posta (Ghawdex).

2. Illi l-fatt li r-rikorrent seta' tilef xi **overtime** u xi beneficcji ohra meta gie trasferit mill-Ufficcju Elettorali ma jikkostitwixxi l-ebda ingustizzja, ghaliex wiehed m'ghandux jippretendi illi ghax ikun f'dipartiment fejn hemm l-**overtime** u beneficcji ohra m'ghandux jigi trasferit ghal xi dipartiment fejn ma jkunx hemm l-istess beneficcji.

3. Illi kull impjegat tal-Gvern jista' jigi trasferit minn dipartiment ghal iehor skond l-esigenzi tas-servizz, kif ukoll minhabba l-principju tal-mobilita' ta' l-impjegati pubblici.

4. Illi ma jirrizultax illi meta r-rikorrent gie trasferit immedjatament intbaghat xi hadd iehor floku ma' l-Ufficcju Elettorali.

5. Ghaldaqstant l-intimati talbu li dan it-Tribunal joghgbu jichad it-talba tar-rikorrent.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimati.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

Illi l-ilment tar-rikorrent hu bazat fuq il-fatt li kawza tat-transfer ingust mill-Ufficju Elettoralili gie moghti hu tilef hafna overtime u allowances.

Issa dan it-Tribunal fil-kawza fl-ismijiet "Joseph Barbara vs Med Serv Limited et deciza fl-10 ta' Mejju, 1999 qal:

"Illi hu opportun li l-ewwel nett it-Tribunal jezamina jekk hux kompetenti jiehu konjizzjoni tal-ilment tar-rikorrent. Hawn wiehed irid bil-fors jaghmel referenza ghall-artikolu 6 (1) tal-Att VIII tal-1997. Dan jghid:

"6. (l) It-Tribunal ikollu s-setgha li jisma' u jaqta' dwar kull ilment miktub li jsir minn persuna li tallega li tkun garrbet ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita' jew restrizzjoni li kellha ggarrab, b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan 1-Att dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:

(a) hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici;

(b) hatriet, prornozzjonijiet jew trasferimenti ta' membri, ufficjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi;

(c) dhul fl-impieg;

(d) licenzi jew permessi mehticga bi1-ligi;

(e) kull haga ohra li tista' tigi approvata b'rizoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati.

F’dan l-istadju hu importanti li wiehed jezamina dak li hu mehtieg biex ilment ikun tal-kompetenza tat-Tribunal. Minn ezami ta’ l-art 6 (1) jirrizulta li l-***ewwel rekwisit*** huwa li jrid ikun hemm ilment bil-miktub; dan sar mir-rikorrent.

***Sekondarjament*** ir-rikorrent irid jallega li garrab ingustizzja. Dan ukoll gie allegat mir-rikorrent.

***It-tielet element*** hu li din l-ingustizzja tkun b'konsegwenza ta’ xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita’ jew restrizzjoni li kellha ggarrab. Dan l-element jinsab allegat ukoll fir-rikors in ezami.

***Ir-raba’ rekwisit*** hu li l-imsemmija ingustizzja tkun saret b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan 1-Att.

***Il-hames element*** hu li l-ingustizzja allegata mir-rikorrent tkun dwar wiehed mill-paragrafi (a) sa (d) imsemmija.

Hawnhekk wiehed bil-fors ikollu jaghmel il-kummenti segwenti. L-Att VIII tal-1997 ghandu hafna partijiet li jixbhu u huma bazati fuq l-Att XV tal-1987. Infatti l-istess artikolu 6 ta’ dak l-att kien jitkellem dwar is-setghat tal-Kummissjoni. Issa f’dak l-artikolu 6 fil-parti finali tieghu kien jinghad “ u b’mod partikulari izda bla hsara ghall-generalita’ ta’ dak imsemmi qabel, il-Kummissjoni tista’ tinvestiga dak l-ilment dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:…” Fl-Att VIII tal-1997 pero’ kull ma jinghad hu “dwar kull wiehed min dawn li gejjin:..” u ghalhekk il-legislatur f’dan il-kaz kien aktar restrittiv. Il-lista imsemmija mill-legislatur hija wahda ta’ portata espressa u mhux wahda indikattiva ghalkemm naturalment trid issir l-interpretazzjoni gusta taghha kif infatti ser jinghad aktar l-isfel.

L-artikolu 6 (1) (a) jirreferi ghal hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici u ghalhekk mhux applikabbli ghar-rikorrent. L-artikolu 6 (1) (b) jitkellem dwar hatriet, promozzjonijiet, jew trasferimenti ta’ membri, ufficjali jew impjegati ta’ xi korp imwaqqaf b’ligi… L-artikolu 6 (1) ( c ) jirreferi ghal dhul fl-impieg u hu manifest li ma jirrigwardax il-kaz in ezami. Lanqas ma hu applikabbli l-artikolu 6 (1) (d) li jitkellem dwar licenzi jew permessi mehtiega bil-ligi…

Dan l-ilment ghalhekk ma huwiex ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal. L-istess pricipju gie applikat fil-kazi deciz mit-Tribunal fil-kaz ta' Godfrey Harnsworth vs Kalaxlokk Company Limited deciz 11 ta' Mejju, 1998 li kien jikkoncerna hlas ta' allowances mhux konnessi ma' xi hatra jew promozzjoni, fil-kaz ta' Anthony Vella vs Kalxlokk Company Limited deciz fit-22 ta' Gunju, 1998 li kien jikkoncerna Bonus kif ukoll allowances", fil-kaz ta' George Debono vs Kap Kmandant vs Forzi Armati ta' Malta deciz fit-28 ta' Ottubru, 1998 fil-parti li kienet tikkoncerna l-ghoti ta' medalja, fil-kaz ta' Kenneth Abela vs Chairman Malta Drydocks deciz fit-12 ta' Jannar, 1999, li kien jikkoncerna kwistjoni dwar leave, J Schembri vs Air Malta deciz fit-3 ta' Marzu, 1999 li kien jikkoncerna nuqqas ta' hlas ta' paga.

Differenti hu l-kaz ta' "Downgrading" li ghalkemm ma jissemmix specifikament dan it-Tribunal qiesu bhal ta' kompetenza tieghu fil-kawza fl-ismijiet M. Micallef vs Malta Shipbuilding Company Limited deciza fl-4 ta' Marzu 1999 minhabba li dan hu l-oppost ta' promozzjoni."

Fil-kawza fl-ismijiet "Charles Debono vs Direttur Generali tal-Edukazzjoni" deciza fid-9 ta' Gunju 2000 insibu:

"Illi sewwa hafna issottometta l-intimat fir-raba' u hames paragrafi tan-nota tal-osservazzjonijiet tieghu fejn qal:
"4. Illi t-talba biex wiehed jinghata hlas b'lura, tigi ikkunsidrata biss minn dan it-Tribunal, diment li n-nuqqas

jew privazzjoni tal-hlas, kienu l-konsegwenza tal-fatt li bniedem gie imcahhad minn hatra, jew promozzjoni ingustament jew gie trasferit ingustament;

5. Illi fil-kaz odjern ir-rikorrent mhuwiex jilmenta li l-allegat telf finanzjarju huwa r-rizultat ta' xi wiehed mill-fuq imsemmija nuqqasijiet, u ghaldaqstant it-Tribunal m'ghandu ebda gurisdizzjoni jisma' u jiddecidi dwar talba ghal semplici hlas ta' arretrati;"

Kif issemma fuq dan il-principju gia gie affermat fil-kaz ta' Godfrey Harnsworth vs Kalaxlokk Company Limited deciz 11 ta' Mejju, 1998 li kien jikkoncerna hlas ta' allowances, u fil-kaz ta' Anthony Vella vs Kalxlokk Company Limited deciz fit-22 ta' Gunju, 1998 li kien jikkoncerna Bonus kif ukoll allowances, u fil-kaz ta' J Schembri vs Air Malta deciz fit-3 ta' Marzu, 1999 li kien jikkoncerna nuqqas ta' hlas ta' paga."

Fil-kawza fl-ismijiet Emanuel Camilleri vs Direttur Generali tal-Management and Personnel Office u d-Direttur tas-Sigurta` Socjali deciza fid-9 ta' Mejju, 2000 intqal:

"Issa l-ilment in ezami jirriferixxi ghal zewg aspetti u cioe' li r-rikorrent ma inghatax facilitajiet sabiex jattendi l-Unversita' minghajr ma jitlef is-salarju bhal impjegati ohra, u sekondarjament dwar nuqqas ta' ghoti ta' overtime. Ebda wiehed minn dawn l-ilmenti ma jissemmew fl-artikolu 6 tal-Att. Huwa veru li dan it-Tribunal gieli qis nuqqas ta' hlas ta' overtime li rikorrent ma jkunx thallas tieghu, izda dan dejjem riferibbli ghal

nuqqas ta' hlas dovut ghal aspetti ohra msemmija fl-Att bhal transfers jew promozzjonijiet. Huwa veru wkoll li t-Tribunal dejjem irritjena li ma tistax tinghata interpretazzjoni ferm restrittiva izda hawn il-kwistjoni hi li l-ilmenti tar-rikorrent totalment ma jinkwadrawx ruhhom f'dak imsemmi mill-legislatur."

Ghall-istess raguni l-ilment odjern jesorbita mill-kompetenza tat-Tribunal. Ir-rikorrenti hawn mhux qedghin jitolbu l-overtime li intilef minhabba transfer, jew nuqqas ta' promozzjoni li huma fihom infishom huma ta' kompetenza tat-Tribunal, izda talba diretta ghal overtime u allowances li mhumiex fil-kompetenza tat-Tribunal. Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrent jesorbitaw mill-kompetenza tat-Tribunal, u t-Tribunal jiddikjara ruhu inkompetenti ***ratione materiae.***

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.